A.L. 53 ta' 1-2002

ATT DWAR IS-SIGURTÀ SOĊJALI
(KAP. 318)

Regolamenti ta' 1-2002 dwar it-Trasferiment ta' Fondi għal Sodod Iffinanzjati mill-Gvern

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 84, 93 u 131 ta' l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjah "l-Att", il-Viċi Prim Ministru u Ministru għall-Politika Soċjali, bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2002 dwar it-Trasferiment ta' Fondi għal Sodod Iffinanzjati mill-Gvern.

Trasferiment ta' fondi.

2. Skond id-disposizzjonijiet tal-paragrafu (ii) tas-subartikolu (4) ta' l-artikolu 131 ta' l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, kull rata li tithallas lill-Kumitat dwar *Welfare* skond ir-Regolamenti ta' 1-2000 dwar Rati għal Istituzzjonijiet u *Hostels* Statali, dwar sodod iffinanzjati mill-Istat fi djar mhux statali għall-anzjani jew istituzzjonijiet bħalma jistgħu jkunu kkuntrattati mill-Gvern kif speċifikat fir-Regolamenti ta' 1-2000 dwar Istituzzjonijiet u *Hostels* Statali Indikati, għandhom jiġu trasferiti lid-Direttur responsabbli mid-Dipartiment għall-Ħarsien ta' l-Anzjani.

A.L. 60 ta' 1-2000.

A.L. 59 ta' 1-2000.